# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 14**

**Rikors numru 857/2010SM**

**Richard Darmanin**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana;**
**illum Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ta' Richard Darmanin, ipprezentat fis-27 ta' Awwissu, 2010, li permezz tieghu ppremetta:

> "Illi l-esponenti ircieva nota ta' qbid numru 70/2010 datata 5 t'Awissu 2010 dwar gas oil fil-kwantita` ta' 29,675 litru b'valur ta' €10,478.77 kif deskritt fl-istess nota ta' qbid li l-ammont ta' dazju tas-sisa jammonta ghal €10,457.47 u wkoll illi t-taxxa fuq il-valur mizjud jammonta ghal €3,768.47 u peress li l-esponenti ai termini ta' l-artikolu 72 tal-Kap 73 l-Ordninanza tad-Dwana kiteb lill-Kontrollur tad-Dwana illi huwa qed jitlob lura l-oggett suggett ta' din in-nota ta' qbid Gas Oil ghal-liema ittra l-Kontrollur tad-Dwana wiegeb b'avviz tat-23 t'Awissu 2010 Ref: 498/2010, qed ghalhekk l-esponenti jikkontesta din in-nota ta' qbid

peress li l-oggett in kwistjoni huwa kien xtara b'mod lecitu u ghandu dokumenti x'juri li taghhom diga` kien baghat kopja lill-kontrollur tad-Dwana b'ittra li kien informa biha fl-20 t'Ottubru 2009;

"Illi nonostante li ghamel dan kollu, r-rikorrenti, li kien jinkludi l-ezercizzju li sar min-naha tad-Dwana, u wkoll fejn ittiehdu wkoll kampjuni u saru testijiet fuq il-Gas Oil suggett ta' din il-procedura u li ghalkemm u wara dan kollu lill-intimat Kontrollur tad-Dwana xorta hass l-intimat li johrog din in-nota ta' qbid. Fil-fatt il-Gas Oil suggett ta' din il-procedura kien jinkludi diesel li kien jappartjeni dak li kien hemm go vetturi gew impurtati f'Malta skond il-Ligi u li l-bqija tal-Gas Oil kien wiehed mixtri regolari f'Malta skond il-Ligi;

"Illi ghalhekk l-esponenti qed fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet indikati li se jigu wkoll a konjizzjoni tal-Qorti bil-fatti kif deskritti u r-ragunijiet imsemmija qed ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li:

"1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti li din in-nota ta' qbid m'ghandhiex tibqa' fis-sehh fil-konfront tar-rikorrenti;

"2. Tordna r-rilaxx tal-Gas Oil kif deskritt fin-nota ta' qbid 70/2010 fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf, sitt mija hamsa u sebghin (27,675) litru, favur ir-rikorrenti.

"Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li permezz taghha nghad:

"Illi n-nota ta' qbid numru 70/2010 dwar gas oil hemm imsemmi fiha, inharget mill-esponent skont il-ligi u ghalhekk ghandha tkun konfermata fl-effetti kollha taghha.

"Illi minn testijiet imwettqafuq inkarigu tal-esponent, irrizulta li l-gas oil maqbud minghand ir-rikorrent hu gas oil li kien qieghed f'Malta bi ksur tal-ligi stante li fost ohrajn, kellu livelli gholjin hafna ta' sulphur. Ghalhekk dan il-fuel hu suggett ghall-qbid, irrispettivament mill-provenjenza tieghu.

"Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Jannar, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li, ladarba r-rikorrent ma

pprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, konsegwentement irrespingiet it-talbiet tieghu kif kontenuti fir-rikors promotur tieghu, u laqghet ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana), bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> > "11.1. Illi d-Dwana irceviet informazzjoni li fil-fond numru 1, Labour Road, Bir id-Deheb, iz-Zejtun, kien hemm gas oil tal-kuntrabandu mahzun;
> >
> > "11.2. Illi konsegwentement fis-16 t'Ottubru, 2009, intbaghtu ufficjali tad-Dwana biex jispezzjonaw l-imsemmi fond;
> >
> > "11.3. Illi rizultat tal-istess spezzjoni nstabu s-segwenti;
> >
> > > "11.3.1. Pompa tal-fuel;
> > >
> > > "11.3.2. Tankijiet li kien fihom il-gas oil;
> >
> > "11.4. Illi konsegwentement gew elevati kampjuni minn tnax (12) il-tank li kienu fil-bitha tal-imsemmi fond oltre kampjun iehor minn trakk bin-numru DAI-982, ilkoll elevati fil-presenza ta' Richard Darmanin;
> >
> > "11.5. Illi sussegwentement it-tankijiet gew issigillati mill-ufficjali tad-Dwana skond il-procedura appozita;
> >
> > "11.6. Illi mill-analizi kimika effettwata fuq l-istess kampjuni rrizulta s-segwenti;
> >
> > > "11.6.1 Illi kien hemm total komplessiv ta' disgha u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u sebghin litri (29,675), ta' gas oil;
> > >
> > > "11.6.2. Illi minn dan l-ammont kien hemm hamsa u ghoxrin litru, (25) li nstabu fit-trakk fuq indikat, (ara paragrafu hdax punt erbgha, (11.4));
> > >
> > > "11.6.3. Illi l-kumplament tal-gas oil instab fit-tankijiet ukoll fuq indikati;

"11.7. Illi ghalkemm fl-investigazzjonijiet kondotti ir-rikorrenti kien indika li xtara l-imsemmi gas oil minn fornitur partikolari, senjatament Falzon Fuel Services, hu ipprezenta diversi ricevuti minn fornituri differenti;

"11.8. Illi l-ftit fatturi ta' Falzon Fuel Services ipprezentati mir-rikorrenti kienu rrilevanti;

"11.9. Illi mill-analizi kimika effettwata mis-socjeta` Saybolt Malta Limited irrizulta li l-kampjuni elevati kellhom persentagg kbir ta' kubrit, liema persentagg ta' kubrit kien ferm aktar gholi minn dak stipulat fil-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta;

"11.10.Illi di piu`, l-istess kampjuni hekk elevati kif fuq indikat kienu wkoll gew analizzati mill-analista tad-Dwana Bernardette Mallia ghall-presenza tal-fiscal marker tad-Dwana, Solvent Yellow 124;

"11.11.Illi rizultat tal-analizi indikata fil-paragrafu precedenti irrizulta li f'sitta mill-kampjuni kien hemm il-presenza tal-istess fiscal marker tad-Dwana;

"11.12.Illi din ir-rizultanza tfisser li l-gas oil ezaminat kien gie mhallat gas oil li jintuza fuq il-bahar biss jew bhala light heating oil, u cioe` f'industriji li jikkwalifikaw esplicitament, stante li l-istess gas oil ikun ghalhekk ezenti mit-taxxa tas-Sisa, jew totalment, jew parzjalment;

"11.13.Illi ghalhekk il-gas oil elevat minn dak misjub ghand ir-rikorrenti kien ghand l-istess rikorrenti bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana, (Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta), u tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, (Kap 382 tal-istess Ligijiet);

"11.14.Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti inghata struzzjonijiet biex ma jiksirx is-sigilli tad-Dwana imqeghda fuq il-kontenituri tal-istess gas oil misjub ghandu u biex ma' juzax l-istess gas oil;

"11.15.Illi konsegwentement inharget ukoll in-Nota ta' Qbid numru 70/2010 li qeghda hawn tigi kontestata;

"Ikkunsidrat;

"12.0. Illi minn nota tieghu r-rikorrenti Darmanin issostni sintetikament is-segwenti;

"12.1. Illi l-materja in dizamina xtraha minn ghand Falzon u minn xi pompi tal-petrol;

"12.2. Illi xtara l-istess materja in dizamina ghall-uzu personali u m'hux biex jinnegozjah;

"12.3. Illi xtrah qabel il-31 ta' Dicembru, 2008;

"12.4. Illi ghalhekk ma kiser l-ebda ligi u konsegwentement in-Nota ta' Qbid relattiva m'ghandiex tibqa' fis-sehh;

"Ikkunsidrat;

"13.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jigi ribadit is-segwenti:

"13.1. Illi l-vertenza in dizamina m'hix dipendenti mill-uzu li r-rikorrenti jrid jaffettwa mill-gas oil in dizamina, stante li dan l-uzu hu ghall-kollox irrilevanti;

"13.2. Illi dak li hu statutorjament rilevanti fil-vertenza in dizamina hu l-ammont ta' kubrit u fiscal marker riskontrat fil-materjal in dizamina;

"13.3. Illi mill-ezamijiet effettwati jirrizulta abbundantement assodat li dawn l-indikaturi misjuba fl-istess gas oil elevat minn ghand ir-rikkorrenti jipprovaw b'certezza xjentifika, li dan il-gas oil kien ghall-uzu specifikat fuq il-bahar u ma setax jintuza ghall-htigijiet ohra kif l-istess rikorrenti ingenwament isostni li kien ser juzah;

"13.4. Illi di piu`, l-element temporali indikat mir-rikorrenti ma jirrizultax ipprovat stante li kemm l-Ordinanza imsemmija kif ukoll il-ligijiet specifici l-ohra fuq indikati, ma jissufragawhx;

"Ikkunsidrat;

"14.0. Illi ghaldaqstant jigi stabbilit is-segwenti:

"14.1. Illi mill-analizijiet kondotti jirrizulta li fil-gas oil in dizamina kien hemm persentagg ta' kubrit ferm ghola minn dak koncess mil-ligi;

"14.2. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-fattur temporali sollevat mir-rikorrenti jinghad li skond kif kienet il-ligi f'Ottubru, 2009, il-persentagg ta' kubrit riskontrat ma kienx konformi mal-ispecifikazzjonijiet teknici indikati fit-Tieni Skeda ta' Avviz Legali 44 tal-2008;"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Richard Darmanin li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li thassar,

tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-9 ta' Jannar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet Richard Darmanin v. Direttur Generali (Dwana), tilqa' t-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana), li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lil din il-Qorti tikkonferma *in toto* d-decizjoni appellata tad-9 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent.

Rat li waqt is-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2018, il-partijiet qablu li l-appell jibqa' differit ghas-sentenza, peress li kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi permezz tal-kawza in ezami, ir-rikorrent bazikament qieghed jattakka n-nota ta' qbid li ggib referenza 70/2010, datata 5 ta' Awwissu, 2010, mahruga mid-Direttur intimat, rigwardanti 29,675 litru ta' *gas oil*, tal-valur ta' €10,478.77. Kwindi l-proceduri odjerni huma ghar-rilaxx tal-*gas oil* li nqabad mill-intimat ai termini tal-Artikoli 60 u 62 tal-Ordinanza tad-

Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikoli 16 u 17 tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa (Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll tar-Regolament 27(b) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Zjut Minerali tal-istess Kap. 382. Ir-rikorrent appellant jikkontendi li l-*gas oil* kien jikkonsisti jew f'*diesel* li kien go vetturi li gew importati f'Malta skont il-ligi, jew f'*gas oil* mixtri regolarment f'Malta.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz tas-sentenza appellata cahdet it-talbiet tar-rikorrent, peress li ma qisetx li kien irnexxilu jipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement laqghet ir-risposta tad-Direttur appellat.

Ir-rikorrent appellant hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk ressaq l-appell in ezami li jissejjes fuq hames aggravji:

(i) Huwa xtara l-*gas oil* legalment kif ippruvat mid-dokumenti esebiti minnu u ladarba huwa akkwista l-*gas oil* b'mod lecitu, l-Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li dan kien prodott ta' kuntrabandu;

(ii) Jekk il-*gas oil* kellu livell ta' kubrit oghla minn dak indikat fil-ligi, ladarba r-rikorrent xtara l-*gas oil* in *bona fide*, m'ghandux ihallas ghal eghmil haddiehor;

(iii) Il-Qorti kellha tara wkoll dak li kien statutorjament permessibbli qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 44 tas-sena 2008;

(iv) Ladarba ma kienx hemm prova kuntrarja li dak il-*gas oil* suggett tan-nota ta' qbid gie ottenut mir-rikorrent, wara d-dhul fis-sehh tal-Avviz 44 ta' l-2008, l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;

(v) Dwar il-pussess u uzu tal-*gas oil* in kwistjoni, irrizulta car li l-uzu ta' dan il-*gas oil* kien purament ghall-uzu personali tar-rikorrent.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li l-ligi tad-Dwana, fl-Artikolu 73 (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta), tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza bil-hsieb li l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-Qorti, din trid tapplika l-ligi sostantiva. Ghalkemm persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghall-fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana:**

> "*Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu "lura l-hwejjeg hekk konfiskati". ... Id-dmir tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid mahruga mill-intimat … izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat.*"

Imiss issa li jigu trattati l-aggravji tar-rikorrent appellant:

Ser jigu trattati l-ewwel zewg aggravji f'daqqa, in kwantu z-zewg ilmenti fejn jinghad li r-rikorrent xtara l-*gas oil* legalment kif ippruvat mid-dokumenti esebiti minnu u ladarba huwa akkwista l-*gas oil* b'mod lecitu, l-Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li dan kien prodott ta' kuntrabandu, kif ukoll li jekk il-*gas oil* kellu livell ta' kubrit oghla minn dak indikat fil-ligi, ladarba r-rikorrent xtara l-*gas oil* in *bona fide*, m'ghandux ihallas ghal eghmil haddiehor, huma konnessi ma' xulxin.

Jibda billi jigi osservat li mill-provi in atti jirrizulta li, n-nota ta' qbid in kontestazzjoni nharget wara li fis-16 ta' Ottubru, 2009, ufficjali tad-Dwana elevaw kampjuni minn tnax-il tank, kif ukoll mit-tank tat-trakk bin-numru ta' registrazzjoni DAI-982, li kienu fil-bitha tal-fond proprjetà tar-rikorrent. Wara analizi mehtiega, irrizulta li f'sitta minn tlettax-il kampjun kien hemm *"solvent yellow 124",* li jindika li l-*gas oil* kien imhallat b'*gas oil* li jintuza minn ingenji tal-bahar jew bhala *light heating oil*, li jkun ezentat totalment jew parzjalment mit-taxxa tas-sisa. Inoltrè l-*gas oil* EN590, li kien jigi importat legalment f'Malta, ghall-uzu esklussiv ta' vetturi tat-triq, skont il-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorità ta' Malta ghar-Rizorsi), kellu jkun fih livell massimu ta' kubrit ta' 0.001% *mass*. Mentri fil-kampjuni kollha elevati minghand ir-rikorrent, il-

persentagg ta' kubrit kien ferm oghla minn dak stipulat fil-ligi, kif jirrizulta minn analizi mwettqa minn Saybolt Malta Ltd, kumpannija indipendenti.

In-nota ta' qbid li bis-sahha taghha l-intimat appellat kkonfiska l-*gas oil* in kwistjoni ticcita l-provvedimenti tal-Artikoli 60(b)(c)(k), 62(a)(c)(f)(g)(h)(i) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37); kif ukoll Artikoli 16(1)(j), 17(a), kif ukoll Regolament 27(b) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Zjut Minerali tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 60 tal-Kap. 37, citati mill-appellat fin-nota ta' qbid jitratta l-konfiska ta' oggetti ta' kuntrabandu fejn l-importazzjoni ta' dawk l-oggetti f'Malta hija pprojbita jew limitata, jew dawk l-oggetti jiddahhlu qabel ma jigu ezaminati jew awtorizzati minn ufficjali tad-dwana, jew l-oggett ikun iddahhal b'evazjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana jew tal-ligijiet u restrizzjonijiet tad-dwana. Filwaqt li l-Artikolu 62 tal-Kap. 37 jitratta r-reati u l-pieni applikabbli f'diversi cirkostanzi fejn jirrizulta ksur tal-provvedimenti tal-ligi tad-dwana. L-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 382, jitratta l-konfiska ta' oggett dazjabbli, fejn ma jithallasx dazju fuqu bi frodi kontra l-Gvern, mentri l-Artikolu 16(1)(j) tal-istess ligi jitratta r-reati u l-pieni ghal min ikun involut f'evazjoni tad-dazju li ghandu jithallas bis-sahha tal-istess Att. Mentri r-Regolament 27(b) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Zjut Minerali tal-Kap. 382 jipprovdi li kull persuna li jinstab ghandha kontra l-ligi, xi zejt li jkun fih xi wahda mill-marki jew zebghat imsemmija fir-

regolamenti, meta tinstab hatja tista' tehel multa, u tali zejt ghandu jigi maqbud kif jipprovdi l-Artikolu 17 tal-istess ligi.

Wara li gew ezaminati l-provi in atti rrizulta li, mix-xhieda permezz tal-affidavit ta' Emanuel Sammut, Kap tal-Investigazzjonijiet tad-Dipartiment tad-Dwana, minn analizi li wettqet l-analista tad-Dipartiment, sitta minn tlettax-il kampjun kellhom dak li jissejjah *fiscal marker* tad-Dwana, jew *solvent yellow 124*, li minnu jigi stabbilit jekk il-*fuel* ikunx thallas id-dazju fuqu. In kontro-ezami waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju, 2012, kompla jispjega li din il-kimika tintuza mid-Dwana sabiex tindika li dawk il-*fuels* ikunu ezentati totalment jew parzjalment ezentati mid-dazju. Jishaq li dan il-*fiscal marking* mhux suppost li nstab fil-*fuel* fil-pussess tar-rikorrent, peress li l-uzu ta' dan it-tip ta' *fuel* ezentat mid-dazju, kien mahsub li jintuza bhala *marine fuel* ghal bastimenti jew vapuri li jkunu ser jitilqu minn Malta, jew bhala *light heating oil*. Kwindi l-fatt li r-rikorrent jghid li xtara il-*fuel* maqbud minn stazzjonijiet jew pompi ta' *fuel* mhux ta' interess ghall-ufficjali tad-Dwana.

Ghalhekk, sabiex persuna tkun intitolata li jkollha fil-pussess taghha dan it-tip ta' *fuel* li fuqu ma jithallasx dazju tas-sisa, jehtieg li jew ikollha xi tip ta' awtorizzazzjoni jew ezenzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana. Ir-rikorrent ma ressaq ebda prova f'dan is-sens, anzi kif irrizulta wkoll mill-kontro-ezami tieghu, huwa ma kellu ebda dghajsa jew opra tal-bahar li

biha seta' jiggustifika l-pussess ta' tali *fuel* u kien jinkombi lilu li jressaq tali prova.

Hekk ukoll kemm mix-xhieda ta' Emanuel Sammut, kif ukoll mid-dokumenti esebiti minn David Gauci, *manager* fi hdan is-socjetà Saybolt Malta Limited, li wettqet analizi fuq l-istess kampjuni, rrizulta li mill-kampjuni kollha elevati minghand ir-rikorrent, dawn kellhom fihom ammont kbir ta' kubrit, ferm aktar gholi mill-ammont stipulat fl-Avviz Legali 44 tas-sena 2008. Dan meta d-*diesel* EN590 li kien jigi importat legalment f'Malta fis-sena 2009, li kien jinbiegh biss ghall-vetturi tat-triq kien ikun fih livell ta' kubrit sa massimu ta' 0.001% *mass*. Ladarba l-kubrit fil-kampjuni elevati minghand ir-rikorrent appellant, kienu ferm oghla minn dak stipulat fil-ligi, dan kien ifisser li d-*diesel* li kien ghandu kien ukoll bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa. Mix-xhieda tal-inginier Stephen J. Mifsud, lanqas ma jirrizulta li r-rikorrent appellant kellu xi awtorizzazzjoni mahruga lilu mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi sabiex jimporta, jitrasferixxi, jippossjedi, jzomm, ihallat, jibbottilja jew ibiegh prodotti tal-petroleum jew xi licenzja mill-istess Awtorità ghall-hazna tal-*fuel.*

Ir-rikorrent jesebixxi numru ta' ricevuti mahruga bejn il-perjodu ta' Lulju, 2007 u Settembru 2009 minn diversi stazzjonijiet ta' pompi tal-*fuel* sabiex isostni l-provenjenza tal-*gas oil* li kien fil-pussess tieghu u jishaq

li ladarba huwa akkwista l-istess prodott in buona fede, ma kellux ibati ebda konsegwenza. Madankollu ghandu jinghad li r-rikorrent appellant m'ghandux ragun. Ladarba l-procedura ta' konfiska hija wahda *in rem,* l-buona fede tar-rikorrent appellant, ma taffettwax il-validità tal-procedura ta' konfiska, u jekk l-oggett konfiskat ikun jinstab li jkun bi ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana, id-Direttur appellat kellu s-setgha li jikkonfiskaha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Cara Limited v. Kontrollur tad-Dwana).** Wara kollox kif rilevat mid-Direttur appellat, jekk kemm-il darba kien hemm xi terzi persuni li ttrasferewlu dan il-*gasoil* sdazjat u b'livell gholi ta' kubrit, jispetta lill-istess appellant jikseb rimedji ohra fil-ligi, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu.

Jinghad ukoll li huma tassew irrilevanti l-insinwazzjonijiet li jaghmel ir-rikorrent appellant dwar il-*gas oil* li xtrat l-Enemalta matul is-snin, mhux biss peress li ma tressqet ebda prova fl-atti fir-rigward, izda wkoll peress li dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-proceduri odjerni.

Isegwi li l-ewwel zewg aggravji tar-rikorrent appellant ma jirrizultawx gustifikati, peress li ladarba l-*gas oil* li kien fil-pussess tieghu rrizulta li kien bi ksur tal-ligijiet tad-dwana, id-Direttur appellat kellu s-setgha li jikkonfiska l-istess *gas oil*, u konsegwentement, in-nota ta' qbid mahruga kienet gustifikata.

Imiss li jigu trattati t-tielet u r-raba' aggravji tar-rikorrent appellant fejn jinghad li l-ewwel Qorti kellha tara wkoll dak li kien statutorjament permessibbli qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 44 tas-sena 2008; u ladarba ma kienx hemm prova kuntrarja li dak il-*gas oil* suggett tan-nota ta' qbid gie ottenut mir-rikorrent, wara d-dhul fis-sehh tal-Avviz 44 ta' l-2008, l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Bir-rispett kollu dawn l-aggravji ma jistghu jkunu ta' ebda riljev ghar-rikorrent appellant. Jibda billi jigi rilevat li r-rikorrent appellant naqas milli jressaq prova sodisfacenti li tabilhaqq huwa xtara l-*gasoil* in kwistjoni maqbud qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz 44 tas-sena 2008, prova li kienet tispetta lir-rikorrent appellant. F'dan il-kuntest, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Ottubru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana** fejn fir-rigward jinghad:

> *"L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura….. Skond principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f' dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni ta' l-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll ta' l-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt*

> *favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. … Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37)."*

Fi kwalunkwè kaz, meta sehhet l-ispezzjoni mill-ufficjali tad-dwana fis-16 ta' Ottubru, 2009, certament il-provvedimenti tar-Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kwalità tal-Karburanti (illum Legislazzjoni Sussidjarja 545.18) kienu gew fis-sehh. Kwindi ladarba r-rikorrent appellant instab fil-pussess ta' *gas oil* b'livell ta' kubrit gholi, li jeccedi dak specifikat mil-ligi, fih innifsu jiggustifika l-agir tad-Direttur appellat. Inoltrè, kuntrarjament ghal dak li jinghad mir-rikorrent appellant, ghall-fini tal-proceduri in ezami, huma rrilevanti l-investigazzjonijiet li jista' jaghmel id-Direttur intimat dwar l-origini jew provenjenza tal-*gas oil* qabel ma spicca ghand ir-rikorrent. Isegwi li lanqas it-tielet u r-raba' aggravji ma jimmeritaw li jintlaqghu.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju, dak dwar il-pussess u uzu tal-*gas oil* in kwistjoni, fejn ir-rikorrent appellant jishaq li rrizulta car li l-uzu ta' dan il-*gas oil* kien purament ghall-uzu personali tar-rikorrent.

Hawn ukoll jigi osservat li l-uzu li jsir mill-*gas oil* jaqa' lil hinn minn dak li hu relevanti ghall-vertenza in kwistjoni, ladarba r-rikorrent appellant ma kellux il-permess mehtieg sabiex ikollu fil-pussess tieghu l-*gas oil*

sdazjat. Jigi ribadit li ghall-fini tal-proceduri in ezami, dak li huwa relevanti hu li r-rikorrent inqabad fil-pussess ta' *gas oil* sdazjat u b'livell ta' kubrit oghla minn dak permess mil-ligi, minghajr ma gie ppruvat da parti tar-rikorrent, li kellu l-awtorizzazzjoni mehtiega jew ezenzjoni specifika moghtija lilu mid-Dipartiment tad-Dwana. Isegwi li d-Direttur appellat kien qieghed jimxi in ottempranza mal-ligi meta hareg in-nota ta' qbid in kontestazzjoni. Kwindi lanqas dan l-ahhar aggravju ma jista' jkun ta' beneficcju ghar-rikorrent appellant.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent appellant, billi filwaqt li tichad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-istess rikorrent appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr